**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 830/2021**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***F (ADVERTISING) LTD; TOTAL CARE LAUNDRY LIMITED; MELITA LIMITED; L-AVUKAT TAL-ISTAT; ALBERT SIVE ROBERTO BORG; U R-REĠISTRATUR TAL-QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha magħmula mill-bank attur, sabiex huwa jkun jista' jiġbed lura l-ammont ta' €15,982.23 li huwa ddepożita permezz ta' ċedola fl-atti tal-mandati ta' sekwestru bin-numri 1574/2020, 1283/2011, 849/2019 u 2209/2011, jew minflok sabiex huwa jitħallas dan l-ammont f'danni mingħand il-konvenuti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fid-**<u>19 ta' Awwissu, 2021</u>**, il-bank attur fisser li huwa kien ġie notifikat b'numru ta' mandati ta' sekwestru kontra l-konvenut Albert Borġ u kontra l-kumpannija Palm Court Limited, fejn huwa ġie mniżżel bħala sekwestratarju. Spjega li

f'idejh kienu ġew flus li kienu dovuti lil Palm Court Limited, u għalhekk huwa kellu jiddepożita flejjes fil-mandat ta' sekwestru maħruġ kontra tagħha;

3. Madankollu, skont il-bank attur, minħabba nuqqas ta' attenzjoni, huwa spiċċa biex iddepożita, permezz ta' ċedola ta' depożitu, il-flus ta' Palm Court Limited li huwa kellu f'idejh, fl-atti ta' erba' mandati ta' sekwestru li kienu ġew mressqa kontra Albert Borġ minflok fl-atti tal-mandat ta' sekwestru li kien tressaq kontra Palm Court Limited;

4. Fi kliem il-bank attur, wara li huwa ntebaħ bl-iżball tiegħu, huwa ressaq rikors biex il-qorti tħallih jiġbed lura l-ammont li kien iddepożita bi żball. Madankollu, il-kumpannija F (Advertising) Limited oġġezzjonat għal dan l-iżbank u b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2021, il-qorti ċaħdet it-talba tiegħu. Il-bank tenna li fid-29 ta' Jannar, 2021, huwa ressaq rikors ieħor biex il-qorti tħassar id-digriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2021 u minflok tħallih jiġbed il-flejjes li kien iddepożita, fejn huwa reġa' tenna li l-flejjes li kienu ġew iddepożitati ma kinux ta' Albert Borġ iżda ta' terzi;

5. Minkejja dan, il-kumpannija konvenuta F (Advertising) Limited reġgħet oġġezzjonat għal din it-talba u b'digriet tal-20 ta' Lulju, 2021, il-qorti ċaħdet ir-rikors peress li dehrilha li kien hemm oġġezzjoni valida għall-iżbank tal-flejjes. Il-bank attur jisħaq li f'dik is-sitwazzjoni huwa kien ser ikollu jwieġeb għad-danni li kienet sejra tbati l-kumpannija Palm Court Limited, u għalhekk biex jeħles mir-responsabbiltà fil-konfront tagħha huwa għaddielha s-somma ta' €16,301.53 li kien ħadilha;

6. Minħabba f'hekk, skont il-bank attur, hemm il-ħtieġa li l-ammont depożitat fl-atti tal-mandati ta' sekwestru maħruġa fil-konfront ta' Albert Borġ jiġi mrodd lura lill-bank qabel dan jiġi żbankat inġustament minn xi wieħed jew aktar mill-kredituri tiegħu. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża fejn talab lil din il-qorti:

> *«i. Tiddikjara li l-ammont ta' ħmistax-il elf, disa' mija u tnejn u tmenin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,982.93) iddepożitat permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1760/2020 fl-ismijiet Total Care Laundry Limited vs Albert sive Roberto Borġ wara l-mandati ta' sekwestru numri 1574/2020, 1283/2011, 848/2019 u 2209/2011 ma kinux jappertjenu lid-debitur fl-*

*istess mandati l-konvenut Albert sive Roberto Borġ u għalhekk ġew depożitati erronjament;*

*ii. Tordna lill-konvenut Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jiżbanka favur il-Bank attur l-ammont ta' ħmistax-il elf, disa' mija u tnejn u tmenin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,982.93) iddepożitat permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1760/2020 fl-ismijiet Total Care Laundry Limited vs Albert sive Roberto Borġ wara l-mandati ta' sekwestru numri 1574/2020, 1283/2011, 848/2019 u 2209/2011;*

*iii. Fin-nuqqas, u alternattivament, tiddikjara li l-Bank attur sofra danni fl-ammont ta' ħmistax-il elf, disa' mija u tnejn u tmenin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,982.93), jew somma verjuri li tiġi hekk likwidata, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

*iv. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, bl-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, iħallsu d-danni fl-ammont ta' ħmistax-il elf, disa' mija u tnejn u tmenin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,982.93), jew somma verjuri li tiġi hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenut Avukat tal-Istat ppreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fl-**<u>20 ta' Settembru, 2021</u>**, u fiha huwa qal dan li ġej:

   i. li l-azzjoni tal-bank attur hija nulla skont il-prinċipju legali *electa una via non datur recursus ad alteram* għaliex saru talbiet alternattivi u żewġ azzjonijiet differenti fl-istess kawża li ma joqogħdux flimkien;
   ii. li huwa ma joġġezzjonax għat-tieni talba tal-bank attur jekk kemm-il darba dan iġib prova tajba li l-flus li huwa ddepożita taħt l-awtorità tal-qorti huma ta' terzi u mhux tal-konvenut Albert sive Roberto Borġ;
   iii. li huwa m'għamel xejn li bih jista' jinstab responsabbli għad-danni u li għalhekk huwa m'għandux jiġi ordnat iħallas danni, u li f'kull każ, id-danni għandhom jiġu ppruvati sal-grad meħtieġ mil-liġi; u
   iv. li huwa m'għandux ibati spejjeż ta' din il-kawża għaliex huwa qatt ma oġġezzjona għat-talba tal-bank attur li jiġbor lura l-flus li dan iddepożita taħt l-awtorità tal-qorti;

8. Il-konvenuta Melita Limited ukoll ippreżentat t-tweġiba maħlufa tagħha fl-**<u>20 ta' Settembru, 2021</u>**, u fiha qalet dan li ġej:

i. li hija ma oġġezzjonatx għat-talba tal-bank attur li jiġbor lura l-flus li dan iddepożita taħt l-awtorità tal-qorti u li għadha s'issa ma toġġezzjonax għal din it-talba;
ii. li l-kwistjoni kollha nħolqot mill-kumpannija F (Adverstising) Limited minħabba l-oġġezzjonijiet tagħha għat-talbiet magħmula mill-bank attur biex jiġbed is-somma li huwa ddepożita bi żball, u li għalhekk hija għandha tiġi meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju; u
iii. illi ladarba hija qatt ma oġġezzjonat għat-talbiet oriġinali tal-bank attur biex jiġbed l-imsemmija flejjes, hija m'għandha tħallas l-ebda danni lill-bank attur;

9. Jumejn wara, jiġifieri fit-**<u>22 ta' Settembru, 2021</u>**, ippreżentat it-tweġiba maħlufa tagħha l-kumpannija F (Advertising Limited) u fiha qalet hekk:

i. li t-talbiet tal-bank attur għaddew f'ġudikat għaliex l-istess talbiet ġew deċiżi mill-qorti kontra l-bank attur għal darba, darbtejn;
ii. li t-talbiet tal-bank huma legalment ħżiena għaliex il-bank ma jistax jagħmel talba biex jitħallas danni li twieldu minħabba żball tiegħu stess;
iii. li l-oġġezzjoni tagħha għall-iżbank tal-flus depożitati fl-atti tal-mandati ta' sekwestru min-naħa tal-bank attur hija waħda legalment ġustifikata għaliex dawn il-flus għandhom jiġu żbankati favur tagħha biex jiġi mħallas it-titlu eżekuttiv li hija għandha kontra Albert Borġ;
iv. li hija m'għandhiex twieġeb għad-danni għaliex bl-oġġezzjoni tagħha hija qiegħda taġixxi skont il-liġi biex tiddefendi l-interessi tagħha;
v. li l-bank attur ma ressaq ebda prova sodisfaċenti dwar min huwa s-sid tal-flejjes li ġew iddepożitati minnu; u
vi. li hija ma toġġezzjonax għall-iżbank tal-ammont kollu depożitat mill-bank attur iżda taqbel li l-bank jiġbed il-bilanċ tal-ammont li jkun fadal wara li hija tiżbanka favur tagħha l-ammont kollu tal-kreditu eżekuttiv li hija tgawdi kontra Albert Borġ;

10. Imbagħad, fl-**<u>4 ta' Ottubru, 2021</u>**, ressaq it-tweġiba tiegħu l-konvenut Albert Borġ, fejn huwa qal dan li ġej:

   i. li huwa mhux kontradittur leġittimu għat-talbiet tal-bank attur;
   ii. li huwa m'għandux u qatt ma kellu oġġezzjoni għall-ewwel żewġ talbiet tal-bank attur biex dan jiġbed il-flus li ddepożita bi żball;
   iii. li t-tielet u r-raba' talba tal-bank attur m'għandhomx jintlaqgħu fil-konfront tiegħu għaliex huwa bl-ebda mod ma kkontribwixxa għall-iżball li għamel il-bank u lanqas oġġezzjona għat-talba tiegħu li jiġbed il-flus li ddepożita bi żball; u
   iv. li huwa m'għandux ibati spejjeż ta' din il-kawża;

11. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fl-**<u>20 ta' Ottubru, 2021</u>**, u fiha qal hekk:

   i. li huwa mhux kontradittur leġittimu għat-talbiet tal-bank attur u għalhekk huwa għandu jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;
   ii. li huwa ma jaħti xejn għal dak li ġara; u
   iii. li huwa jinsab inkarigat mill-amministrazzjoni tal-qorti u mhux mill-ħidma tal-ġudikant;

12. Għalkemm il-kumpannija konvenuta Total Care Laundry Limited ġiet notifikata bir-rikors maħluf fid-**<u>9 ta' Settembru, 2021</u>** (ara l-warrani ta' paġna 71 tal-atti tal-kawża), hija ma ressqet l-ebda tweġiba maħlufa għat-talbiet tal-bank attur;

13. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tal-**<u>5 ta' Lulju, 2022</u>**;

14. Il-bank attur ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fid-19 ta' Awwissu, 2022, filwaqt li l-konvenuti F (Advertising) Limited, l-Avukat tal-Istat, Melita Limited u Albert Borġ ressqu tagħhom fit-23 ta' Awwissu, 2022, fil-5 ta' Settembru, 2022, fil-31 ta' Ottubru, 2022 u fl-1 ta' Novembru, 2022 rispettivament;

15. Il-konvenuti Total Care Laundry Limited u r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għażlu li ma jressqu l-ebda nota ta' sottomissjonijiet fiż-żmien li ġie mogħti lilhom;

16. Il-qorti rat l-atti kollha tal-kawża u tinsab f'qagħda li tagħti din is-sentenza;

***Fatti***

17. Il-bank attur kien ġie notifikat bħala sekwestratarju b'numru ta' mandati ta' sekwestru maħruġa kontra l-konvenut Albert Borġ. Dawn kienu: (i) il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1283/2011 fl-ismijiet *F (Advertising) Limited v. Robbie Borġ*; (ii) il-mandat ta' sekwestru bin-numru 2209/2011 fl-ismijiet *Melita plc v. Robert Borġ*; (iii) il-mandat ta' sekwestru bin-numru 848/2019 fl-ismijiet *L-Avukat Ġenerali v. Albert sive Robert Borġ*; u (iv) l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1574/2020 fl-ismijiet *Total Care Laundry Limited v. Albert sive Roberto Borġ*;

18. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-bank attur kien ġie mniżżel bħala sekwestratarju f'mandat ta' sekwestru mitlub minn Mallard Company Limited kontra l-konvenut Albert Borġ f'ismu personali u bħala rappreżentant ta' Palm Court Limited (ara paġni 115 u 116 tal-atti tal-kawża). Dan il-mandat ta' sekwestru, li jġib in-numru 1829/2018, ġie mneħħi b'kontro-mandat maħruġ fit-13 ta' Frar, 2020 (ara paġni 117 u 118 tal-atti tal-kawża);

19. Skont il-bank attur, la Albert Borġ u lanqas Palm Court Limited m'għandhom u lanqas qatt kellhom kont bankarju miżmum miegħu;

20. Fit-**<u>22 ta' Jannar, 2020</u>**, il-konvenut Albert Borġ deher fuq kuntratt f'isem il-kumpannija Palm Court Limited fejn din tal-aħħar biegħet proprjetà lil Christopher u Joanne miżżewġin Falzon għall-prezz ta' €141,000. Il-bank attur ukoll deher fuq dan il-kuntratt, fejn huwa sellef is-somma ta' €129,400 lill-miżżewġin Falzon (ara paġni 10 sa 43 tal-atti tal-kawża);

21. Sa dakinhar tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1829/2018, li kien inħareġ kontra Palm Court Limited, kien għadu fis-seħħ u għalhekk

bħala sekwestratarju, il-bank attur żamm f'idejh is-somma ta' €16,301.53 li kienet dovuta lil Palm Court Limited fuq il-kuntratt;

22. Fit-**13 ta' Frar, 2020**, jiġifieri ftit ġimgħat wara li sar dan il-kuntratt, il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1829/2018 ma baqax fis-seħħ. Madankollu, Palm Court Limited baqgħet ma ġabritx mingħand il-bank attur is-somma ta' €16,301.53 li kienet tgħajjat lilha;

23. Fit-**18 ta' Novembru, 2020**, il-bank attur iddepożita taħt l-awtorità tal-qorti is-somma ta' €15,982.93 fl-atti tal-mandati ta' sekwestru maħruġa kontra Albert Borġ li jġibu n-numri 1283/2011, 2209/2011, 848/2019 u 1574/2020 (ara ċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1760/2020 f'paġni 8 u 9 tal-atti tal-kawża);

24. Fil-**15 ta' Diċembru, 2020**, ir-rappreżentant legali ta' Palm Court Limited, kiteb lill-bank u għarrfu li s-somma ta' €15,982.93 li ġiet depożitata fl-atti tal-mandati ta' sekwestru maħruġa kontra Albert Borġ, fil-fatt kienet ta' Palm Court Limited u mhux ta' Albert Borġ. Għalhekk, il-bank attur ġie mitlub li jrodd lura s-somma ta' €16,301.53 lil Palm Court Limited (ara l-korrispondenza f'paġni 155 sa 157 tal-atti tal-kawża);

25. Il-bank attur jgħid li hemmhekk huwa ntebaħ bl-iżball li kien għamel, u għalhekk b'rikors imressaq minnu fit-**18 ta' Diċembru, 2020**, huwa talab lil din il-qorti biex jiġbed lura s-somma ta' €15,982.93, li skontu ma kinitx ġejja mill-flejjes ta' Albert Borġ (ara paġni 44 u 45 tal-atti tal-kawża). Madankollu, il-kumpannija konvenuta F (Advertising) Limited oġġezzjonat għal din it-talba, u b'hekk, b'digriet mogħti fis-**27 ta' Jannar, 2021**, din il-qorti, kif impoġġija b'imħallef ieħor, ċaħdet it-talba tal-bank attur (ara d-digriet f'paġna 50 tal-atti tal-kawża);

26. Fid-**29 ta' Jannar, 2021**, il-bank attur ressaq rikors ieħor fejn huwa talab lill-qorti sabiex tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021 u talabha mill-ġdid tawtorizzah jiġbed is-somma flus ta' €15,982.93 li skontu huwa kien iddepożita fil-qorti bi żball (ara paġna 51 tal-atti tal-kawża). Minkejja dan, il-kumpannija F (Advertising) Limited reġgħet oġġezzjonat għal din it-talba u peress li l-qorti dehrilha li din l-

oġġezzjoni kienet waħda valida, b'digriet tal-**<u>20 ta' Lulju, 2021</u>**, hija ċaħdet dan ir-rikors tal-bank attur (ara paġna 56 tal-atti tal-kawża);

27. Għalkemm il-bank attur, baqa' ma rnexxilux jiġbor lura s-somma li huwa kien iddepożita l-qorti, eventwalment huwa laqa' t-talba ta' Palm Court Limited u għalhekk għaddielha s-somma ta' €16,301.53 li kien qabdilha (ara x-xiehda ta' Albert Borġ f'paġna 129 tal-atti tal-kawża, l-affidavit ta' Albert Borġ f'paġna 151 tal-atti tal-kawża u l-korrispondenza f'paġni 152 sa 154 tal-atti tal-kawża);

28. Ġara, però, li l-bank attur spiċċa biex ħareġ is-somma hawn fuq imsemmija minn butu. Għalhekk, fid-**<u>19 ta' Awwissu, 2021</u>**, il-bank attur fetaħ din il-kawża biex jiġbor lura is-somma ta' €15,982.93 li huwa ddepożita l-qorti;

***Konsiderazzjonijiet***

29. Din hija kawża fejn il-bank attur qiegħed jitlob li huwa jitħalla jiġbed is-somma ta' €15,982.93, li skontu huwa ddepożita l-qorti bi żball fl-atti tal-mandati ta' sekwestru maħruġa kontra l-konvenut Albert Borġ, għaliex irriżultalu li dawn il-flejjes ma kinux ta' Albert Borġ iżda tal-kumpannija Palm Court Limited. Alternattivament, huwa jitlob li f'każ li t-talba tiegħu biex jiġbed din is-somma flus ma tiġix milqugħa, huwa għandu jitħallas għad-danni li bata mingħand il-konvenuti;

30. Mill-banda l-oħra, il-konvenunti l-oħra, għajr il-kumpannija Total Care Laundry Limited, li baqgħet ma weġbitx għat-talbiet tal-bank attur, ilkoll jiċħdu li huma għandhom iħallsu għad-danni li seta' ġarrab il-bank attur. Dwar it-talba tal-bank attur biex huwa jitħalla jiġbed is-somma li huwa jgħid li ddepożita l-qorti bi żball, l-Avukat tal-Istat, Melita Limited, Albert Borġ u r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma ressqu l-ebda oġġezzjoni. Madankollu, il-kumpannija konvenuta F (Advertising) Limited qiegħda toġġezzjona għal din it-talba għaliex hija tgħid li għandha f'idejha titlu eżekuttiv kontra l-konvenut Albert Borġ, u għalhekk tisħaq li hija għandha tiġbed dak dovut lilha minn din is-somma qabel il-bank attur jitħalla jiżbanka l-flejjes li huwa ddepożita. Minbarra dan,

hija ttenni wkoll li l-bank attur ma ressaqx provi tajba biżżejjed dwar min tassew huwa s-sid tal-flejjes li huwa jrid jiżbanka;

31. Peress li f'din il-kawża tressqu numru ta' eċċezzjonijiet li huma ta' xejra preliminari jkun xieraq li dawn jiġu deċiżi l-ewwel. Sewwasew, l-**ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** tolqot is-siwi tal-azzjoni mressqa mill-bank attur u b'hekk jagħmel sens li din il-qorti tibda billi tistħarreġ lilha;

32. F'din l-eċċezzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat jisħaq li l-kawża mitfuħa mill-bank attur hija nulla għaliex tikkonsisti f'żewġ azzjonijiet differenti li ma joqogħdux flimkien. Ifisser li l-bank attur ma jistax jitlob li huwa jitħalla jiġbed il-flejjes, li huwa jgħid li ddepożita l-qorti bi żball u mbagħad fl-istess nifs, iressaq talba biex f'każ li ma jkunx jista' jiżbanka dawn il-flus, huwa jitħallas mingħand il-konvenuti danni li jammontaw għall-istess somma flus, li huwa jixtieq jiġbed mill-qorti. Huwa jargumenta li l-bank attur qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-premessa li huwa għamel żball u mhux li xi wieħed mill-konvenuti wettaq żball li wassal biex il-bank iġarrab id-danni. Jisħaq ukoll li l-bank attur għaġġel wisq meta qabad u ressaq ukoll l-aħħar żewġ talbiet tiegħu biex huwa jitħallas id-danni u għalhekk fil-fehma tiegħu dawn it-talbiet tressqu qabel il-waqt;

33. Din il-qorti tqis li n-natura tal-azzjoni hija determinata mill-karatteristiċi tagħha. Dawn il-karatteristiċi joħorġu mit-tfassila tal-att li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari mirqum tar-rikors maħluf li bih infetħet il-kawża jwassal lil dak li jkun biex jifhem li l-bank attur sejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-premessa li l-flus li huwa ddepożita l-qorti huma ta' Palm Court Limited u mhux ta' Albert Borġ, u għalhekk huwa għandu jitħalla jiġbidhom lura. B'mod alternattiv, huwa qiegħed jitlob li jitħallas id-danni mingħand il-konvenuti fil-każ biss li huwa ma jitħalliex jiżbanka dawn il-flejjes, għaliex huwa diġà kellu joħroġ minn butu s-somma li ddepożita l-qorti biex iroddha lura lil Palm Court Limited. Għalhekk dan ifisser li jekk huwa ma jitħalliex jiġbed lura dawn il-flejjes, huwa jkun mar minn taħt fl-ammont ta' €15,982.93;

34. Għalkemm il-qrati tagħna ħaddnu l-pożizzjoni x'aktarx prattika li kemm jista' jkun jaraw li l-kawżi jkunu salvati u li l-azzjonijiet jitqiesu fil-mertu proprju tagħhom, il-liġi għadha

tagħraf li f'ċerti ċirkostanzi hemm azzjonijiet li ma jistgħux joqogħdu flimkien. Hekk pereżempju, azzjoni possessorja u waħda petitorja huma inkompatibbli u ma jistgħux joqogħdu flimkien fl-istess att (ara ***Joseph Debono v. Michael Mifsud***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru, 2009);

35. Għalhekk, filwaqt li ħadd ma jista' jindaħal lill-parti attriċi fl-għażla tagħha dwar liema azzjoni hija tixtieq tmexxi 'l quddiem, hemm ċerti għażliet li ma jħallux lill-istess parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi parti mill-azzjoni tagħha tirrendi l-frott. Meqjus dan, din il-qorti tħaddan it-tagħlim ġurisprudenzjali li att ġudizzjarju m'għandux jitħassar kif ġieb u laħaq, u safejn possibbli dan għandu jiġi salvat. Tassew, kwistjoni sostantiva m'għandhiex tintrema' 'l barra għalkollox minħabba difett fil-formalità (ara ***Keyland Co Ltd et v. Josephine Xuereb***, Appell Inferjuri, 15 ta' Jannar, 2010 u ***George Żammit et v. Emmanuel Aġius et***, Appell Superjuri, 28 ta' April, 2021);

36. Wara kollox, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' att ġudizzjarju ma tistax tirnexxi jekk kemm-il darba dak in-nuqqas ikun jista' jissewwa taħt xi dispożizzjoni tal-liġi (ara l-**artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-multipliċità ta' talbiet fl-azzjoni mhijiex waħda mill-każijiet li tagħmel l-azzjoni nulla skont l-**artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

37. Terġa' u tgħid, l-azzjoni attriċi ma tistax titqies kunfliġġenti minn għeruqha jekk din tkun mibnija fuq iżjed minn kawżali waħda (ara ***Paul Bonello et v. Ramel u Żrar Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021). Wara kollox, ma hemm xejn fil-liġi li jżomm attur milli jiġma' f'azzjoni waħda aktar minn talba waħda, mibnija fuq aktar minn sies legali jew ġuridiku wieħed (ara ***Martin Ġerada et v. Joseph Ciscaldi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju, 2013). Hekk ukoll, il-fatt li kawża tkun imsejsa fuq aktar minn binarju wieħed, ma jagħmilhiex impreċiża jew nulla (ara ***A&CE Joseph Barbara et v. Joseph Meli Buġeja nomine***, Appell Superjuri, 11 ta' Diċembru, 1967 u ***Calcedonia Pace v. Patrick Paċe, Appell Superjuri, 30 ta' Ottubru, 2015***). Dan sakemm il-kawżali li jsawruha ma jkunux ta' għamla li ma jkunux jistgħu joqogħdu għalkollox flimkien (ara ***Saveria Sciortino et v. Carmelo Micallef***,

deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju, 1959 u ***Mary Grech et v. Maria Borġ*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014);

38. F'dan il-każ, l-għan tal-azzjoni mressqa mill-bank attur huwa wieħed, jiġifieri li huwa jiġbor lura s-somma ta' €15,982.93, li huwa jgħid li ddepożita l-qorti bi żball. Din is-somma huwa qiegħed jippretendi li jiksibha lura: (i) jew billi huwa jitħalla jiġbidha mill-qorti, (ii) jew inkella billi huwa jitħallas din is-somma bħala danni mingħand il-konvenuti;

39. Il-konvenut Avukat tal-Istat jisħaq fl-eċċezzjoni tiegħu li dawn iż-żewġ talbiet ma jmorrux flimkien. Din il-qorti però ma taħsbiha xejn bħalu għaliex hija ma tara xejn kontradittorju bil-mod ta' kif il-bank attur ressaq it-talbiet tiegħu. M'hemm xejn ħażin jew irregolari li l-bank attur bħala l-ewwel rimedju jipprova jiġbor il-flus li huwa jgħid li ddepożita l-qorti bi żball billi jitlob li jiġbidhom lura; u bħala rimedju sussidjarju, jekk l-ewwel rimedju jirriżulta mhux tajjeb, jipprova jiġbor dawn il-flus bħala danni mingħand il-konvenuti;

40. Dawn iż-żewġ talbiet magħżula mill-bank attur ma jitolbux li jitressqu provi jew difiżi kunfliġġenti. Għalkemm iż-żewġ talbiet tal-bank attur huma distinti u tressqu b'mod sussidjarju għal xulxin, dawn ma joħonqux lil xulxin. Fl-aħħar mill-aħħar kull waħda minnhom hija maħsuba li twassal għall-istess finalità, *viz*. ir-radd lura lill-bank attur tal-flejjes li huwa jgħid li ddepożita l-qorti bi żball. Talbiet bħal dawn jistgħu jitressqu flimkien mingħajr ma jwaqqgħu s-siwi tal-att promotur li fih ikun saru (ara f'dan is-sens ***Anthony Grima et v. David Micallef noe***, Appell Inferjuri, 12 ta' Ġunju, 2009 u ***Annot Company Limited v. Roberto Carlos Calleja***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Lulju, 2011);

41. Meta l-azzjoni attriċi tkun tikkonsisti f'aktar minn talba waħda li tista' twassal għall-istess riżultat, dak li jgħodd huwa li l-parti mħarrka tkun f'qagħda li tagħraf dak li qed jiġi allegat kontriha u tkun f'qagħda li tiddefendi ruħha kontra dik l-allegazzjoni. Il-fatt waħdu li fl-azzjoni attriċi jkunu tressqu diversi talbiet li jkunu dipendenti fuq elementi ġuridiċi differenti, ma jagħmilx l-azzjoni anqas ċara u lanqas jitfa' lill-imħarrek f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jiddefendi ruħu (ara ***Vincenza Vassallo v. Edgar***

***Caruana Montalto et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru, 2001 u ***Anthony Camilleri v. Citadel Insurance p.l.c et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar, 2005);

42. Fil-każ tagħna, il-konvenut Avukat tal-Istat jaf sew x'qiegħed jippretendi li jieħu l-bank attur bit-talbiet tiegħu għaliex huwa ressaq eċċezzjonijiet speċifiċi fejn indirizza kull waħda minn dawn it-talbiet. Kemm hu hekk, l-Avukat tal-Istat ma oġġezzjonax għall-ewwel żewġ talbiet tal-bank attur biex dan jiġbed lura l-flejjes inkwistjoni mill-qorti iżda imbagħad ċaħad li huwa wettaq xi danni lill-bank attur u saħaq li dawn id-danni, jekk jeżistu, għandhom jiġu ppruvati skont il-grad meħtieġ mil-liġi;

43. Għalhekk, fil-fehma tal-qorti l-azzjoni attriċi hija waħda ċara u l-Avukat tal-Istat żgur li fehem fejn il-bank attur irid jasal u t-toroq li għażel li jieħu. Dan ifisser ħaġa waħda biss, jiġifieri li l-azzjoni tal-bank attur hija ċara biżżejjed u mhux magħmula minn talbiet u azzjonijiet li ma joqogħdux flimkien;

44. Fid-dawl ta' dan, din il-qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat;

45. Fuq linja preliminari, tressqet ukoll l-**eċċezzjoni tal-ġudikat** mill-kumpannija konvenuta F (Advertising) Limited. Din tisħaq li din il-qorti ma tistax tiddeċiedi din il-kawża għaliex l-istess tilwima diġà ġiet deċiża minn din il-qorti, kif mod ieħor impoġġija, għal darba darbtejn permezz tad-digrieti mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2021 u fl-20 ta' Lulju, 2021;

46. L-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-**artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta)** bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk din tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija (ara ***Conris Pace Rivans et v. Franco Rivans et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April, 2014). Jekk dan ma jsirx, dan in-nuqqas iġib in-nullità tas-sentenza stess (ara ***Paolo Azzopardi v. Paolo Abela noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 1954, ***Raphael Micallef v. Anthony Aġius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 1997, ***Care Services Limited v. Mario Muscat et*** deċiża mill-

Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru, 2009 u ***Mario Tonna v. Edwin Camilleri nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Diċembru, 2009);

47. Il-ġudikat hija meqjusa bħala eċċezzjoni perentorja għaliex hija waħda li jekk tinstab li hija mistħoqqa toqtol il-kawża (ara ***Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003);

48. Għal dawk li huma prinċipji u effetti marbuta mal-*exceptio judicatae*, ġie mtenni fid-deċiżjoni antika fl-ismijiet ***Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-5 ta' Novembru, 1934, li,

> *«L-'exceptio rei judicatae' għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li għaddiet 'in giudicato', jiġifieri li ma tista tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jiġifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija strictissimae interpretationis»*

49. L-għan wara l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija li tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew imfissra f'sentenza (ara ***Dottor Josè Herrera noe v. Anthony Cassar noe et*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1992) biex b'hekk titbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat (ara ***Caterina Ġerada et v. Avukat Antonio Caruana*** deċiża fit-28 ta' Ġunju, 1973). Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Sharon Żahra v. Stefan Żahra*** deċiża fid-29 ta' Jannar, 2016, l-iskop tal-prinċipju tar-*res iudicata* hu evidenti u ċioè li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet miksuba wara proċess ġudizzjarju;

50. Fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, din tiġi kkonfermata. Wara kollox, mhux sew li xi ħadd jipproponi l-istess kawża biex imewwet deċiżjoni preċedenti billi jġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li kien jaf bihom, jew li seta' u messu ġieb fil-kors tal-proċess l-

ieħor (ara ***Joseph Portelli v. Joseph Stellini et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015);

51. F'dan il-każ, id-deċiżjonijiet li fuqhom il-kumpannija F (Advertising) Limited qiegħda ssejjes l-eċċezzjoni tagħha tal-ġudikat mhumiex sentenzi iżda huma żewġ digrieti mogħtija minn din il-qorti, kif xort'oħra mpoġġija, fis-27 ta' Jannar, 2021 u fl-20 ta' Lulju, 2021;

52. Meqjus dan, hija ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi jeżistu tliet xorta ta' digrieti:

i. dawk definittivi, jiġifieri dawk li permezz tagħhom tiġi determinata u mitmuma kontroversja bejn il-partijiet (ara ***Josef Gatt v. Marisa Gatt*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2003);

ii. dawk interlokutorji, jiġifieri dawk li permezz tagħhom tiġi deċiża xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawża waqt li din tkun għadha miexja u għalhekk jistgħu jiġu revokati *contrario imperio* f'kull stadju tal-kawża (ara l-**artikolu 230 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenzi fl-ismijiet ***Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-4 ta' Diċembru, 1998 u ***Philip O. Gatt pro et noe v. Adrian Busietta pro et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Mejju, 2002) ; u

iii. dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u għalhekk ma jistgħux jiġu revokati *contrario imperio* (ara ***Ernest Azzopardi v. Guido Fenech***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Diċembru, 2021);

53. Għall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell iżda għat-tielet kategorija, m'hemmx appell dirett quddiem il-qorti u l-leġislatur ma pprovda xejn dwar kif dawn għandhom jiġu mwaqqgħin. Sewwasew, min irid jattakka digriet li mhuwiex definittiv u lanqas interlokutorju, ma jistax jagħmel dan permezz ta' appell dirett iżda dan irid jagħmlu permezz ta' kawża b'rikors maħluf kontra dawk il-partijiet li jkunu milquta bid-digriet u quddiem dik il-qorti li tkun tat id-digriet. Imbagħad, huwa mis-sentenza li

tingħata dwar dik il-kawża li jkun hemm dritt ta' appell (ara ***Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Awwissu, 1953, ***Darryl Francis Grima pro et noe v. L-Onorevoli Prim Ministru et nomine***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Ġunju, 1988, ***Professur John Mamo noe v. Edward Borġ proprio et nomine***, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-31 ta' Ottubru, 1991 u ***Paul Tanti et v. Sammy Mifsud et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001);

54. Id-digrieti mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2021 u fl-20 ta' Lulju, 2021 ma ddeċidewx darba għal dejjem xi kwistjoni li ma tistax terġa' titqanqal bejn il-partijiet u għalhekk ma kinux definittivi. Lanqas jistgħu jitqiesu li kienu digrieti interlokutorji li huma maħsuba biex iħarsu r-regoli proċedurali jew biex jirregolaw aħjar l-andament tal-proċeduri. Għalhekk dawn jistgħu jiġu mħassra u mibdula permezz ta' kawża mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Din mhijiex xi proċedura straordinarja; anzi din kienet tintuża fil-passat u għadha ssir sal-lum (ara ***Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. Cassar***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Mejju, 2008 u ***Stacey Spiteri et v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April, 2012);

55. Jiġi b'hekk, li ladarba l-eċċezzjoni ta' F (Adverstising) Limited hija msejsa fuq dak li jingħad fid-digrieti tas-27 ta' Jannar, 2021 u tal-20 ta' Lulju, 2021, din ma tistax tirnexxi għaliex dawn id-digrieti mhumiex sentenza u lanqas ma huma definittivi (ara ***Unifoods Limited v. Alfred Martin nomine***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 2001);

56. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija F (Advertising) Limited qiegħda tiġi miċħuda;

57. Imiss issa li l-qorti teżamina **l-eċċezzjonijiet ta' Melita Limited, Albert Borġ u tar-Reġistratur tal-Qorti** fejn dawn jisħqu li huma mhumiex kondraditturi leġittimi għat-talbiet tal-bank attur u li b'hekk huma għandhom jiġu meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju;

58. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li għall-aħjar ġudizzju tal-qorti, u biex il-ġudizzju jkun kemm jista' jkun wieħed siewi, għandhom jieħdu sehem fih dawk kollha li jkollhom

interess. Dan sewwasew għaliex il-ġudizzju jkun jorbot biss lil dawk il-partijiet li jkunu pparteċipaw fih (ara ***Joseph Borġ et v. Francis Vassallo noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000, ***Carmelo Bonello v. Albert Mizzi noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000 u ***Vincent Aġius v. Mario Borġ***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu, 2003);

59. Il-qorti tqis illi lil hinn mill-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti jaħtux għal xi danni li seta' ġarrab il-bank attur, ġaladarba l-bank attur qiegħed jippretendi li jiġbed lura s-somma ta' €15,982.93, li huwa ddepożita fl-atti ta' mandat ta' sekwestru li nħareġ minn Melita Limited kontra Albert Borġ, kien jagħmel sens li l-bank attur jimxi wkoll kontra dawn iż-żewġ konvenuti, u dan sabiex il-ġudizzju ta' din il-qorti jkun jorbot ukoll lilhom. Tassew, il-bank attur kien ikun qiegħed jaħli flusu u ħinu li kieku huwa ma mexiex ukoll kontra dawn il-konvenuti għaliex li kieku huwa naqas li jagħmel dan, f'każ li t-talba tal-bank attur biex jiġbed din is-somma tiġi milqugħa, dawn il-konvenuti setgħu faċilment jagħmlulu l-bsaten fir-roti billi jgħidu li l-ġudizzju ta' din il-qorti ma jorbothomx. Għalhekk, il-bank attur għamel sew li daħħal lil Melita Limited u lil Albert Borġ bħala konvenuti f'din il-kawża;

60. Hekk ukoll, fir-rikors maħluf tiegħu l-bank attur fisser li huwa mexxa din il-kawża wkoll kontra r-Reġistratur tal-Qorti għaliex huwa dan il-konvenut li għandu s-setgħa li jeżegwixxi l-ordni ta' din il-qorti biex tiġi żbankata s-somma ta' €15,982.93 favur il-bank attur, jekk kemm-il darba t-tieni talba tiegħu tiġi milqugħa. Il-qorti tqis li dan huwa minnu u għalhekk ma ssib xejn ċensurabbli fil-mod ta' kif mexa l-bank attur;

61. Għaldaqstant, il-ħames eċċezzjoni tal-kumpannija Melita Limited, l-ewwel eċċezzjoni ta' Albert Borġ u l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali qegħdin jiġu miċħuda għaliex il-preżenza tagħhom f'din il-kawża kienet meħtieġa biex il-ġudizzju ta' din il-qorti jkun wieħed sħiħ;

62. Darba li ġew mistħarrġa u mwarrba l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, il-qorti issa tista' tgħaddi biex tqis dak li huwa l-**mertu ta' din il-kawża**;

63. Fl-ewwel talba tiegħu, il-bank attur qiegħed ifittex li jikseb dikjarazzjoni li huwa wettaq żball meta ddepożita s-somma ta' €15,982.93 fl-atti tal-mandati ta' sekwestru li nħarġu kontra l-konvenut Albert Borġ għaliex wara huwa ntebaħ li dawn il-flus fil-fatt ma kinux ta' Albert Borġ iżda tal-kumpannija Palm Court Limited. Min-naħa tagħha, il-kumpannija konvenuta F (Advertising) Limited tgħid li l-bank attur ma ressaqx prova sodisfaċenti dwar min tassew huwa sid dawn il-flejjes;

64. Il-qorti tqis li matul l-istadju tal-provi ta' din il-kawża, xehdet permezz ta' affidavit l-institur tal-bank attur, Natalie Micallef (ara paġni 79 sa 80 tal-atti tal-kawża), fejn hija kkonfermat bil-ġurament tagħha li la Albert Borġ u lanqas Palm Court Limited ma kienu jew huma klijenti tagħha. Madankollu, il-konvenut Albert Borġ kien deher fuq kuntratt ta' bejgħ datat 22 ta' Jannar, 2020, f'isem il-kumpannija Palm Court Limited, fejn din tal-aħħar biegħet proprjetà lil Christopher u Joanne miżżewġin Falzon għall-prezz ta' €141,000. Il-bank attur ukoll deher fuq dan il-kuntratt, fejn huwa sellef is-somma ta' €129,400 lill-miżżewġin Falzon u peress li f'dak iż-żmien il-bank kien ġie mniżżel bħala sekwestratarju f'mandat ta' sekwestru li nħareġ kontra Palm Court Limited, huwa żamm is-somma ta' €16,301.53 mill-prezz tal-bejgħ li kien dovut lilha;

65. Ftit ġimgħat wara, dan il-mandat ta' sekwestru ġie mħassar, iżda Palm Court Limited baqgħet ma ġabritx is-somma hawn fuq imsemmija mingħand il-bank attur u fit-18 ta' Novembru, 2020 dan spiċċa biex iddepożita l-flejjes ta' Palm Court Limited fl-atti tal-mandati ta' sekwestru li nħarġu kontra l-konvenut Albert Borġ;

66. Ftit inqas minn xahar wara li seħħ dan, ir-rappreżentant legali ta' Palm Court Limited bagħat jilmenta mal-bank attur, li dan tal-aħħar kien iddepożita flus tagħha u mhux ta' Albert Borġ fl-atti tal-mandati ta' sekwestru maħruġa kontra l-istess Albert Borġ, u għalhekk huwa talab lill-bank attur biex irodd lura lil Palm Court Limited il-flejjes tagħha. Kien għalhekk li l-bank attur mexa biex ressaq ir-rikors tiegħu tat-18 ta' Diċembru, 2020 fejn talab li jiżbanka dawn il-flejjes (ara l-korrispondenza misjuba f'paġni 152 sa 157 tal-atti tal-kawża). Madankollu, it-talba tiegħu ġiet miċħuda mill-qorti darbtejn u għalhekk il-bank attur qabad u ħallas lura lil Palm Court Limited il-flejjes li kien iddepożitalha l-qorti;

67. Dan kollu, inkluż il-fatt li l-flejjes li ġew depożitati l-qorti mill-bank attur permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1760/2020 kienu ta' Palm Court Limited u mhux ta' Albert Borġ, ġie kkonfermat bil-ġurament minn Albert Borġ stess fix-xiehda tiegħu tat-30 ta' Novembru, 2021 u fl-affidavit tiegħu li ġie ppreżentat fl-atti tal-kawża fit-18 ta' Marzu, 2021 (ara paġna 151 tal-atti tal-kawża);

68. Meqjus dan kollu, il-qorti ssib li l-bank attur ressaq prova tajba li l-flus li huwa ddepożita permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1760/2020 tassew kienu ta' Palm Court Limited u mhux ta' Albert Borġ, u għalhekk jiġi li l-bank attur żbalja meta huwa ddepożita dawn il-flus fl-atti tal-erba' mandati ta' sekwestru li nħarġu kontra Albert Borġ. Minħabba f'hekk, il-qorti qiegħda tiċħad il-ħdax-il eċċezzjoni ta' F (Advertising) Limited u għall-istess raġuni qiegħed tilqa' l-ewwel talba tal-bank attur;

69. Jifdal biss li jiġi deċiż jekk il-bank attur għandux jitħalla jiġbed mill-qorti l-flejjes li huwa ddepożita bi żball. Il-kumpannija F (Advertising) Limited tgħid li hija għanda raġuni tajba biex toġġezzjona għal dan l-iżbank min-naħa tal-bank attur. Hija ttenni li ladarba hija għandha f'idejha titlu eżekuttiv kontra Albert Borġ, hija għandha kull dritt li tiġbor dak dovut lilha mingħandu mill-flejjes li ġew depożitati fl-atti tal-mandat ta' sekwestru li hija ħarġet kontra tiegħu;

70. Il-qorti jkollha tistqarr li din l-oppożizzjoni ta' F (Advertising) Limited hija waħda għal kollox żbaljata. Ladarba ġie stabbilit li l-flejjes li ġew depożitati mill-bank attur ma kinux il-flejjes ta' Albert Borġ, allura l-kumpannija F (Advertising) Limited ma tistax tippretendi li hija titħallas id-dejn li Albert Borġ għandu magħha bil-flus ta' terzi li ma wrewx ir-rieda tagħhom li jħallsu dan id-dejn. Huwa minnu li mill-atti jirriżulta li Albert Borġ huwa direttur u azzjonist tal-kumpannija Palm Court Limited (ara paġni 138 u 139 tal-atti tal-kawża), iżda jibqa' l-fatt li kumpannija kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta u separata minn dik tal-membri tagħha (ara l-**artikolu 4(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza fl-ismijiet ***Timmaz Trading & Transport Limited v. IMP Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2010);

71. Għalhekk, il-kumpannija F (Advertising) Limited mhijiex siewja meta tipprova tisfrutta l-iżball li għamel il-bank attur u tippretendi li Palm Court Limited għandha tagħmel tajjeb bi flusha għad-dejn li għandu magħha Albert Borġ minħabba s-sempliċi raġuni li dan huwa direttur u azzjonist tagħha. Jiġi b'hekk, li m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għaliex din il-qorti m'għandhiex tordna l-iżbank tas-somma ta' €15,982.93 li ġiet depożitata l-qorti bi żball mill-bank attur favur tiegħu;

72. Jiġi b'hekk, li din il-qorti qiegħda tiċħad it-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet tal-kumpannija F (Advertising) Limited u fl-istess waqt qiegħda tilqa' t-tieni talba tal-bank attur billi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jiżbanka favur tiegħu s-somma ta' €15,982.93 li ġiet iddepożitata l-qorti permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1760/2020;

73. Ladarba l-ewwel żewġ talbiet tal-bank attur ġew milqugħa, din il-qorti ma fadlilha l-ebda ħtieġa li tistħarreġ it-tielet u raba' talba dwar id-danni. Għalhekk hija sejra tastjeni milli tqishom;

74. Fl-aħħar nett, dwar min għandu jħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża, il-qorti tqis: (i) li ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-bank attur biex jiftaħ din il-kawża tnisslu minħabba żball li wettaq huwa stess meta huwa ddepożita fil-qorti flejjes li jappartjenu lil Palm Court Limited minflok lil Albert Borġ; (ii) li l-kumpannija konvenuta F (Advertising) Limited ma kellhiex raġuni tajba skont il-liġi biex toġġezzjona għat-talba tal-bank attur li jiġbed mill-qorti l-flejjes li huwa kien iddepożita bi żball; (iii) li din il-qorti, kif mod ieħor impoġġija, żbaljat meta ma laqgħetx ir-rikorsi mressqa mill-bank attur biex huwa jiġbed mill-qorti l-flejjes depożitati minnu bi żball; u (iv) li l-konvenuti kollha li ressqu tweġiba maħlufa għat-talbiet tal-bank attur, jiġifieri, F (Advertising) Limited, Melita Limited, l-Avukat tal-Istat, Albert Borġ u r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, ilkoll kemm huma kellhom eċċezzjoni waħda jew aktar li ġiet miċħuda;

75. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, ikun xieraq li kull parti f'din il-kawża tbati l-ispejjeż tagħha;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat għaliex m'hemm xejn li jżomm it-talbiet imressqa mill-bank attur milli joqogħdu flimkien u għalhekk m'hemm xejn null fil-mod ta' kif il-bank attur fassal ir-rikors maħluf tiegħu;

ii. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija F (Advertising) Limited għaliex mhuwiex minnu li t-talbiet imressqa mill-bank attur għaddew f'ġudikat;

iii. **<u>Tiċħad</u>** il-ħames eċċezzjoni tal-kumpannija Melita Limited, l-ewwel eċċezzjoni ta' Albert Borġ u l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għaliex il-preżenza tagħhom f'din il-kawża kienet meħtieġa biex dan il-ġudizzju jkun wieħed sħiħ;

iv. **<u>Tiċħad</u>** il-ħdax-il eċċezzjoni tal-kumpannija F (Advertising) Limited għaliex il-bank attur irnexxielu jġib prova tajba li l-flus li ddepożita fil-qorti permezz taċ-ċedola bin-numru 1760/2020 kienu ta' Palm Court Limited u mhux ta' Albert Borġ u b'hekk **<u>tilqa'</u>** l-ewwel talba tal-bank attur u tiddikjara li s-somma ta' €15,982.93, ġiet iddepożitata mill-bank bi żball;

v. **<u>Tiċħad</u>** it-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet tal-kumpannija F (Advertising) Limited għaliex l-oġġezzjonijiet tagħha biex il-bank attur jiġbed il-flejjes depożitati mhumiex mistħoqqa;

vi. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-bank attur u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jiżbanka favur il-bank attur is-somma ta' €15,982.93 li ġiet iddepożitata permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1760/2020; u

vii. **<u>Tastjeni</u>** milli tqis it-tielet u r-raba' talbiet tal-bank attur ġaladarba dawn tressqu mill-bank attur b'mod alternattiv għall-ewwel u t-tieni talba tiegħu, liema talbiet ġew milqugħa aktar 'il fuq;

Fl-aħħar nett, minħabba r-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li kull parti f'din il-kawża għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' din il-kawża.

______________________

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**